**O dawl ċkejken tiddi fid-dlam**

O dawl ċkejken hekk misterjuż
Li timlieni b'ħafna faraġ,
Emminni li f'li se ngħidlek
Għalik dak it-taraġ.

Għax meta nidħol fil-kċina
U nsibek sieket quddiemi,
F'dik is-sikta kollha għaġeb
Quddiemek jinfetħu jiemi.

Kemm nintebaħ li għandi bżonn
Nittawwal naqra ġo fija,
Għax fik inħossni tant mistrieħ
U ħieles minn kulll tbatija.

Għax int, bit-tmellisa tiegħek
Dnubieti int le ma tgħoddlix,
Imma għall-kuntrarju tfarraġni
W tgħidli minn qalbek: "La tibkix!"

Għax int, dawl ħielesi tisma'
Il-karba ta' min hu għatxan,
Għall-imħabba li ma tintemx
'Mma tqawwi lil min hu beżgħan.

Int hekk sieket w kollok ħrara
Taħji taf għax trid biss is-sliem,
Emminni jekk ngħidlek bħalek
Żgur fuq li żgur ma nsib imkien.

Int tant int speċjali w ħiemed
Li dlonk tfakkarni fil-mument,
F'dak id-dawl 'l hemm fil-kappella
W qiegħed quddiem is-Sagrament.

Int ħuħ għax bħalu tikkonsla
Bħalu turih li hu l-ħajja,
Arak, bħalu qed tingħata
Ma' kull min tmiss tneħħilu t-tbajja.

Ejja għandi dawl ta' veru
Hekk ħelu u konfortanti,
Li għalik xejn mhu xi storja
Kollox tifhem, xejn xokkanti.

Fakkarni f'ħaġa nitolbok
Li fija jgħix Ruħ il-Qodos,

Għinni nħallih jaħdem bija
Ħalli b'hekk qatt ma jien nongħos.

Ibqa' dawwalni b'dijietek
Li tixgħel aktar mill-irħam,
Mellisni, ħaddanni miegħek
O dawl ċkejken tiddi fid-dlam.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 ta' Ġunju 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.